MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 2480/1996/1

**Nazzareno u Carmen konjugi Gauci u Rita Gauci.**

**vs.**

**Francis Gauci, Giuseppa Gauci, Antoinette Gauci, Emanuel u Catherine konjugi Azzopardi, Alfred u Mary konjugi Baldacchino, George u Salvina konjugi Debono u Carmen Gauci.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 30 ta' Lulju 1996 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti huma wlied il-mejtin Salvatore u Giuseppa, konjugi Gauci, li mietu fit-3 ta' Mejju 1967 u fl-1 ta' Frar 1996 rispettivament.

Illi, fl-ewwel lok, kif ser jirrizulta waqt it-trattazjoni tal-kawza il-missier kien jippossjedi diversi ghelieqi b'titolu ta' qbiela, fosthom ir-raba' baghli tal-kejl ta' erbat itmiem imsejjah "Il-Barurmbara", fi Qrendi Road, Zurrieq, u kif ukoll ir-raba' tal-kejl ta' tomnejn, siegh u tliet kejliet imsejjah "Tal-Glud" ossija "Tal-Wilga", fil-limiti taz-Zurrieq, liema qbiela kienet tithallas lil-legati annessi mal-Venerandae Lampadae annessi mal-Knisja ta' San Pawl, Valletta.

Illi missier il-kontendenti miet intestat u, fil-gurnata tal-mewt tieghu, l-atturi kienu ghadhom jghixu mal-genituri taghhom u, *in oltre*, l-attur Nazzareno Gauci kien ilu jahdem dan ir-raba' ghal diversi snin ma' missieru. Mal-mewt tal-missier, l-istess attur Nazzareno Gauci kien baqa' jahdem dawn l-ghelieqi, u ohrajn, wahdu u minghajr l-assistenza ta' hadd mill-kontendenti l-ohra.

Illi, bi skrittura ffirmata fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru 1993, l-omm Giuseppa Gauci, minghajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni tal-atturi ittrasferiet favur il-konvenut Francis Gauci d-dritt ta' qbiela fuq ir-raba' hawn fuq deskritta versu l-korrispettiv ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300), u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet imnizzla fl-iskrittura relattiva (Dokument "A").

Illi kif ser jirrizulta dettaljatament fil-kors tal-gbir u trattazzjoni ta' din il-kawza, l-imsemmija skrittura tat-23 ta' Settembru 1993 u t-trasferiment hemm prospettat saru illgalment, u huma nulli u bla effett, billi huma nieqsa mir-rekwiziti essenzjali sabiex ikunu validi skont il-ligi.

Illi, fit-tieni lok, *in oltre,* il-missier kien jippossjedi wkoll b'titolu ta' proprjeta' fil-gurnata tal-mewt tieghu, u flimkien ma' martu Giuseppa Gauci, bhala formanti parti mill-komunjoni ta' akkwisti ezistenti bejniethom, l-ghalqa msejha "Tal-Bajjada" fil-kuntrada li ggib l-istess isem fiz-Zurrieq, tal-kejl ta' cirka mitejn erba' mija u erbghin punt

sebgha zero metri kwadri (2440.70m.k.). kif jirrizulta mid-denunzja relattiva pprezentata wara l-mewt tal-missier Salvatore Gauci (Dokument 'B').

Illi, wara l-mewt tal-missier, b'kuntratt tas-27 ta' Ottubru 1978, fl-atti tan-Nutar Nicola Said, il-kontendenti f’din il-kawza kienu qasmu u ddividew l-imsemmija ghalqa "Tal-Bajjada" f’zewg porzjonijiet separati, 'il wahda giet assenjata lil omm Giuseppa Gauci u l-porzjoni l-ohra giet assenjata lil ulied, kontendenti f’din il-kawza (Dokument 'C').

Illi b'kuntratt tat-tlieta (3) ta' Novembru 1992, fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja, l-istess Giuseppa Gauci. ikkoncediet b'titolu ta' enfitewsi perpetwa lill-konvenut Francis Gauci, porzjoni ta’ art tal-kejl ta’ cirka tliet mija u sitt metri kwadri (306m.k.), formanti parti mill-imsemmija ghalqa hawn fuq deskritta, versu c-cens anwu u perpetwu ta’ mitt lira Maltin (Lm100) fis-sena (Dokument 'D').

Illi, fil-granet rispettivi illi fihom l-imsemmija Giuseppa Gauci ttrasferiet proprjeta' u/jew drittijiet fuq proprjeta' lill-konvenut Francis Gauci, l-istess Giuseppa Gauci ma kellhiex il-pjena fakultajiet mentali necessarji sabiex tifhem dak illi kienet qieghda taghmel (Dokument “E").

Illi, kif ser jirrizulta aktar dettaljatament fil-kors tal-gbir tal-provi u t-trattazzjoni ta’ din il-kawza, il-konvenut Francis Gauci b'kolluzjoni u ftehim ma' ommu Giuseppa Gauci u whud minn hutu, konvenuti f’din l-istanza, ghamel minn kollox biex jiddefrawda lill-atturi mid-drittijiet taghhom u ghalhekk saru, fost kuntratti u agir iehor, iz-zewg kuntratti hawn fuq deskritti.

Illi jidher car li dak li sar, sar b'kolluzzjoni u biex jippregudika lill-atturi, tant illi l-konvenut Francis Gauci b'ittra legali tat-22 ta' April 1996 intima lill-attur Nazzareno Gauci u lil uliedu sabiex johorgu minn dik il-parti mill-ghalqa imsejha “tal-Barumbara" possjeduta minnhom, u ressaq, ghall-ewwel darba, il-pretensjoni tieghu ta’ titolarju esklussiv u assolut ta' din l-ghalqa, meta hu kien jaf tajjeb li l-attur Nazzareno Gauci kien ilu jahdem u jippossjedi din

l-ghalqa ghal aktar minn erbghin sena, u f'liema zmien huwa kien ghamel diversi benefikati kemm f'din ir-raba' u kif ukoll fir-raba' l-ohra formanti s-suggett tal-iskrittura tat-23 ta' Settembru 1993.

Illi l-konvenut Francis Gauci, interpellat bi protest gudizzjarju sabiex jirrexxindi dawn iz-zewg kuntratti fuq imsemmija baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-iskrittura tat-23 ta' Settembru 1993 (Dokument "A"), li biha l-omm Giuseppa Gauci kienet assenjat u ttrasferiet a favur tal-konvenut Francis Gauci r-raba' baghli tal-kejl ta' erbat itmiem imsejjah "Il-Barumbara", fi Qrendi Road, Zurrieq, u kif ukoll ir-raba' tal-kejl ta' tomnejn, siegh u tliet kejliet imsejjah "Tal-Glud" ossija "Tal-Wilga", fil-limiti taz-Zurrieq, saret ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, illegalment u sabiex jigu defrawdati l-atturi fid-drittijiet u pretensjonijiet taghhom fuq l-istess raba'.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt tat-tlieta (3) ta' Novembru 1992 (Dokument "D"), fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja, illi bih l-istess Giuseppa Gauci, ikkoncediet, b'titolu ta' enfitewsi perpetwa lill-konvenut Francis Gauci, porzjoni ta' art tal-kejl ta' cirka tliet mija u sitt metri kwadri (306m.k.), formanti parti mill-ghalqa msejha "Tal-Bajjada"' fil-kuntrada li ggib l-istess isem fiz-Zurrieq, sar, ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati. illegalment u sabiex jigu defrawdati l-atturi fid-drittijiet u pretensjonijiet taghhom fuq l-istess raba'.

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi, konsegwentment l-imsemmija skrittura tat-23 ta' Settembru 1993 u l-kuntratt tat-3 ta' Novembru 1992, huma nulli u bla ebda effett u konsegwentement torda r-rexxissjoni, thassir u l-annulIament taghhom, u

4. Okkorrendo tinnomina Nutar Pubbliku, biex jippublika l-atti ta' rexxissjoni u thassir opportuni, fid-data,

jum u lok li din il-Qorti joghgobha tiffissa ghal dan l-iskop; u

5. Okkorrendo tinnomina kuraturi biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess atti.

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tat-2 ta' Lulju 1996, kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 6 sa fol. 30 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti ghas-seduta tad-29 ta' Mejju 1997.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha datata 13 ta' Marzu 1997 a fol. 34 tal-process fejn eccipew:-

1. Illi t-talbiet attrici huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

2. Illi omm il-kontendenti ma kellhiex bzonn il-kunsens tal-kontendenti wliedha biex, tul hajjitha, iccedi parti mill-qbiela li kient tghajjat lilha u lil zewgha, lil uhud mill-kontendenti.

3. Illi lanqas ma hu minnu li Giuseppa Gauci ma kellhiex il-pjena fakolta` mentali necessarja biex tidhol f'kuntratti meta ghamlet il-kuntratti li qed jigu impunjati mill-atturi.

4. Illi hu assolutament invertjier u falz li l-atturi jallegaw li l-konvenuti ghamlu xi kolluzzjoni biex jiddefrawdaw lill-atturi mid-drrittjiet taghhom.

5. Illi ghalhekk l-atti kollha li saru huma validi u vinkolanti bejn il-kontendenti kollha.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessibbli skont il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti kollha a fol. 34 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness a fol. 35 sa fol. 40 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tad-29 ta’ Mejju 1997.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G Camilleri li saru mit-2 ta’ Frar 1998 sas-26 ta’ Jannar 2000.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk illum presjeduta mis-17 ta’ Mejju 2000 sal-5 ta’ Marzu 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna fejn fis-seduta tat-2 ta’ Lulju 2002 giet nnominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Veronica Aquilina biex tkompli bil-gbir tal-provi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tal-24 ta’ Jannar 2003 (fol 226) giet nnominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Nives Grixti biex tisma’ il-provi li kien ghad fadal f’dan il-kaz.

Rat id-digriet mill-istess Qorti kif diversament presjeduta datat  4 ta’ Novembru 2005  fejn ordnat il-korrezzjoni tac-citazzjoni kif rikjesta mill-atturi.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri datata 9 ta’ Dicembru 2005 (fol. 463) fejn il-konvenuti ecceppew:-

(1) Illi fuq l-iskrittura tat-23 ta’ Settembru 1993 iffirmata minn Giuseppa Gauci li permezz taghha effetwat

assenjazzjoni gratuwita’, ma’ kienx jehtieg ad validatem il-firma ta’ Francis Gauci.

(2) Illi bla pregudizzju ghall premess, l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba nuqqas ta’ firma hija preskritta ai termini tal-**artikolu 1224 tal-Kodici Civili** stante illi ai finijiet u effetti kollha tal-ligi t-talba attrici minhabba nuqqas ta’ firma giet intavolta fil-kawza odjerna fl-4 ta’ Novembru 2005.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista ta’ xhieda annessa mal-istess eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif attwalment presjeduta fejn fis-seduta tat-2 ta’ Mejju 2006 giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli sabiex tisma’ provi kollha skond id-direttivi tal-istess Qorti hemm verbalizzati.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, ix-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti kollha prezentati.

Rat ir-rapport tal-Perit Mediku Dr. Norbert R Vella datat 28 ta’ Frar 2007 u mahluf fis-16 ta’ Ottubru 2007, liema rapport huwa esebit a fol. 612 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi pprezentata fis-seduta tas-7 ta’ Ottubru 2008 (fol. 656).

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti datata 16 ta’ Marzu 2009 (fol. 682).

Rat il-verbali tas-seduti l-ohra kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tat-2 ta’ April 2009 il-kawza giet differita ghad-29 ta’ Ottubru 2009 ghas-sentenza.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija azzjoni fejn l-atturi qed jallegaw li l-iskrittura datata 13 ta' Settembru 1991 (Dok. "A") li biha Giuseppa Gauci, omm l-attur u l-konvenut Francis Gauci, assenjat id-dritt ta' qbiela fuq il-porzjonijiet tar-raba' rispettivament indikati fic-citazzjoni attrici imsejjha wahda "Il-Barmumbara", fi Triq Qrendi, Zurrieq, u l-ohra "Tal-Glud" ossija "Tal Wilga" fil-limiti taz-Zurrieq, u l-kuntratt datat 3 ta' Novembru 1992 (Dok. "D") fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja fejn l-istess Giuseppa Gauci trasferit lill-konvenut Frans Gauci b'titolu ta' enfitewsi perpetwa r-raba' ta' qies hemm indikat msejha "Tal Bajjada" fil-kuntrada taz-Zurrieq, saru illegalment ghaliex ma ingabx il-kunsens tal-atturi, li qed jigi allegat li kellhom titolu fuq l-istess raba', li l-istess Giuseppa Gauci ma kellhiex il-fakoltajiet mentali sabiex taghmel l-istess atti (Dok. "E"), li l-atti saru sabiex jiffrodaw lill-attur, b'kollizzjoni bejn l-istess Giuseppa Gauci u l-konvenut Frans Cauchi, u wkoll uhud minn hutu; u wkoll ghaliex l-iskrittura tat-23 ta' Settembru 1993 u trasferiment hemm prospettat ma sarx skont il-ligi (ghaliex ma sarx in iskritt), u ghalhekk qed jitolbu li l-istess atti tat-23 ta' Settembru 1993 u tat-3 ta' Novembru 1992 jigu ddikjarati nulli u bla effett.

Illi in sostenn tal-allegazjoni tieghu l-attur Nazzareno Gauci xehed li huwa wiehed minn fost disa' ahwa wlied il-mejtin Salvatore u Giuseppa nee` Grixti. Huwa kien jghin lil missieru fir-raba' li kellu, liema raba' kienet tikkonsisti fi: wejba raba' imsejjah, 'il-Barumbara', fi Qrendi Road, Zurrieq; tliet tomniet u nofs raba' mill-ghalqa msejha 'Tal-Glud'; tliet tomniet u nofs raba' mill-ghalqa msejha 'Tal-Harbux', fil-limiti taz-Zurrieq. L-ewwel zewg proprjetajiet kienu tal-Knisja u issa l-Joint Office, u l-ahhar wahda hija proprjeta' ta' terzi. Illi missier l-attur kien wiret erbat itmien

raba’ minghand missieru. Missier l-attur kien ukoll xtara xi bicciet raba’ ohra tul hajtu.

Illi l-attur jghid li fost it-tfal, huwa u ohtu Carmela kienu jghinu lil missierhom fir-raba’. Jghid li dan kienu jaghmluh wara l-hin tax-xoghol. L-attur jghid li, flimkien ma’ missieru kien bena zewgt ikmamar fl-ghalqa maghrufa bhala ‘Tal-Glud’. Huwa kien uzu ukoll, bil-permess ta’ missieru, bicca mill-ghalqa tal-Barumbara biex jaghmel mansab.

Illi wara l-mewt ta’ missieru, l-attur jghid li l-piz tax-xoghol tar-raba’ kien waqa’ kollu fuqu. Dwar dan l-attrici Rita Gauci taqbel mieghu u tghid li wara l-mewt ta' missierha, huha Zaren kien baqa' jiehu hsieb l-ghelieqi ghal numru ta' snin. Hija tghid ukoll li hi kienet baqghet tghix id-dar u sa fejn tiftakar hi, sa dak iz-zmien li hija baqghet tghix id-dar Frans ma kienx jahdem l-eghlieqi, u kollox kien ghadu f’idejn huwa Nazzareno, bl-ghajnuna ta' ohtha Carmela.

Illi peress li l-attur, dejjem skont ix-xhieda tieghu, ma setax ilahhaq huwa kien ceda ftit mill-art lura lill-Knisja. Pero’ fir-raba’ maghrufa bhala tal-Glud huwa kompla jkabbar u fil-fatt bena razzett u beda irabbi l-majjali, moghoz u zwiemel bi shab ma’ certu Michael Zammit Tabone.  L-attur jghid li kien hawwel xi sigar u bena giebja kbira. Fl-ghalqa tal-Barumbara kien hawwel xi sigar ukoll. L-attur jghid li ommu kienet issuggeriet li ddawwar il-qbiela ghal fuq ismu izda dan irrifjuta.  Carmen Gauci, mart l-attur Nazzareno Gauci, tikkonferma dan fl-affidavit taghha, *“tant kemm kien jiehu hsieb kollox hi, illi niftakar okkazjoni partikolari meta omm zewgi, illum mejta, kienet qaltlu quddiemi biex idawwar il-qbiela kollha fuqu”.*

Illi dwar l-ghalqa msejha ‘Tal-Bajjada’ fil-kuntrada li ggib l-istess isem fiz-Zurrieq l-attur jghid li huwa kien hajjar lil ommu sabiex din tinqasam fit-tnejn; nofs ghaliha u nofs ghad-disa’ ahwa. Fil-porzjoni ta’ ommu kienet inbniet dar ghall-omm stess.

Illi skont l-attur, huh Frans, meta kellu xi 25 sena thajjar biex jibda jahdem ir-raba’. L-attur qasam il-bicciet raba’ li kellu fi tnejn; parti ghalih u parti ghal huh; l-attur jghid li

ghamel passagg ukoll bejn dawn il-partijiet f'kull bicca art li qasam. L-attur kien ceda lill-konvenut xi kmamar mir-razzett ta' tal-Glud. L-attur jallega li l-konvenut haraq l-ghalqa tieghu b'mod li haraq l-ghalqa tal-attur ukoll jew kien ukoll ressaq il-gebel mill-parti tieghu ghall-parti tal-attur. L-attur jghid li huwa kien izomm il-kwiet ghaliex kien jibza' ghas-sahha ta' ommu. Fil-fatt, l-attur isostni li wara li miet missieru ommu kienet tatha *breakdown* u ghalhekk ried izomm il-paci. Dan kien konfermat ukoll permezz ta' l-affidavit ta' l-attrici Rita Gauci fejn ikkonfermat; *'Niftakar ukoll li ommi taghha 'breakdown' wara l-mewt tal-papa'.* Rita Gauci xehdet ukoll *'fl-istess hin kienet mahkuma minn certu biza' li xi kultant kienet thawdek kif tirraguna'.* Carmen Gauci, mart l-attur Nazzareno Gauci, ikkonfermat dan ukoll fl-affidavit taghha meta, b'referenza ghat-tifel taghhom Norbert, hija qalet *'peress illi kont naf li kellha 'breakdown', ma ridtx niksrilba qalbha u hallejtu jmur jghix hemm'.*

Illi l-attur jallega ukoll li wara li mardet ommu bi *stroke,* l-konvenut beda jagixxi b'mod aktar vjolenti u cioe', kien jidhol fil-parti tar-raba' (Tal-Glud) tal-attur minghajr permess u jkisser. Kien allegatment biddel is-serratura tal-katnazz ukoll. L-attur jghid li huwa peress li ommu kienet ghadha l-isptar huwa ddecieda li jcedi u ma kienx baqa' imur gewwa dik l-ghalqa. L-attur jilmenta li huh Frans kellu influenza kbira fuq ommu. Ftit zmien qabel ma mietet ommhom, il-konvenut kien, skont l-attur, okkupa bicciet raba' ohra li kienu tieghu.

Illi l-inkwiet, skont l-attur zdied wara li mewt ta' ommhom. Il-konvenut allegatament dahal fl-ghalqa l-Barumbara, kisser il-passagg li kien jaghti ghal mansab, qaccat is-sigar u kisser il-mansab u d-dura. Dahal ukoll fil-barumbara stess u ghamel herba. L-attur kien ghamel rapporti lill-Pulizija u l-Joint Office. Carmen Gauci, mart l-attur Nazzareno Gauci, fl-affidavit taghha, tikkonferma l-allegat agir vjolenti u intimidatorju ta' huha Frans li "*kien l-uniku tifel li kien jghix id-dar t'ommu u tant kien rikeb lil omm zewgi li spiccat tibza' minnu". In oltre*, hija tghid li Frans ried jehles mit-tifel taghha, Norbert, li kien ilu jghix ma' Giuseppa ghal madwar ghaxar snin: *"donnu aktar ried*

*jehles minnu, tant li xi drabi t-tifel kien jibkili li Frans kien anke jsawtu".*

Illi anki Roderick Gauci, fl-affidavit tieghu, jitkellem dwar il-herba li saret fir-raba' maghrufa bhala 'Il-Barumbara' meta huwa sema' tkissir u ra lil Frans jaghmel hsara lil xi twieqi; huwa kien beza' u telaq u meta mar lura ma' l-attur, jghid li *'sibna herba - twieqi u bibien mitfughin f'gozz u mahruqin".* Roderick Gauci u Carmen Gauci t-tnejn jghidu li kien l-istess konvenut Frans Gauci li ammetta mal-Pulizija li kien hu li kisser sigar u l-mansab li kien ghamel Nazzareno Gauci ghaliex, skont hu, kull m'hemm kien tieghu. Kien f'dan iz-zmien li l-attur, skont l-affidavit tieghu li nduna li ommu kienet dawret ir-raba' ghal fuq isem il-konvenut.

Illi ghandu jinghad li d-deskrizzjoni ta' fatti hawn fuq elenkati huma kwasi ghal kollox kontradetti da parti tal-konvenuti f'din il-kawza. Fl-affidavit tieghu Frans Gauci jghid, *'meta kulhadd kien ghadu d-dar kulhadd kien jghin lill-genituri fir-raba'. Missieri miet fil-1967 meta l-ahwa konna ghadna kollha d-dar. Ir-raba' kollu dar fuq ommi u l-ahwa kollha bqajna nghinu fir-raba''.* Dwar huh Nazzareno, l-konvenut jghid li *'qabel izzewweg baqa' jahdem ir-raba' maghna anke wara l-mewt ta' missieri, izda meta zzewweg qal lil ommi, quddiemi u quddiem huti li ma kienx bi hsiebu jkompli jahdem ir-raba' maghna peress li kellu x-xoghol tal-gurnata gewwa l-Fortina Hotel u part-time kien jahdem ma' Fredu Baldacchino fix-xoghol ta' kisi u twahhil ta' kmamar tal-banju. Kien qal li ma kellux hin biex jigi fl-ghelieqi....'*

Illi t-talbiet attrici huma fis-sens illi, (1) omm l-attur, Giuseppa Gauci ma kisbitx il-kunsens tal-atturi fuq l-iskrittura tat-3 ta' Novembru 1992 u tal-kuntratt tat-23 ta' Settembru 1993 meta tali kunsens skont l-atturi kien necessarju; (2) li l-istess Giuseppa Gauci ma kelliex il-pjena fakultajiet mentali sabiex tifhem dak illi kienet qed taghmel fuq l-iskrittura tat-23 ta' Settembru 1993 u il-kuntratt tat-2 ta' Novembru 1992; u (3) li l-iskrittura tat-23 ta' Settembru 1993 hija nieqsa mir-rekwiziti essenzjali u kwindi hija nulla u bla effett; (4) li l-istess atti saru sabiex

jiffrodaw lill-attur u ghalhekk huma nulli u bla effett; (5) li waqt il-kawza u fis-sottomissjonijiet maghmula gie allegat li l-kunsens tal-istess Giuseppa Gauci sabiex saru l-imsemmija atti kien vizzjat bi vjolenza allegatament affetwata fuqha mill-konvenut Frans Gauci.

Illi ghalhekk fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur jirreferi li t-talbiet tieghu kif indikati fic-citazzjoni attrici u fejn qed jghid li tali skritturi  saru illegalment iridu jigu analizzati fid-dawl ta' **artikolu 966 tal-Kodici Civili** li jistipula illi:-

*966. Ir-rekwiziti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, huma*
*(a) illi l-partijiet jkunu kapaci biex jikkuntrattaw,*
*(b)* il-kunsens *ta' dak illi jobbliga ruhu;*
*(c) haga zgura li tkun l-oggett tal-kuntratt*
*(d) kawza lecita biex wiehed jobbliga ruhu.*

Illi ma hemm l-ebda dubju li dawn ir-rekwisiti iridu ikun presenti kollha u hawn il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Vittoria Sciberras et vs Sister Adelaide Gauci nomine et"** (A.C. 29 ta' Ottubru 2004) fejn jinghad li *"biex kuntratt jissodisfa l-vot tal-ligi jehtieg li jkun fih dawk ir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-Artikolu 966 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-kapacita`, il-kunsens, l-oggett u kawza lecita. Naturalment jekk kuntratt jissodisfa dawn r-rekwiziti ma jistax jigi dikjarat null jew bla effett billi tali kuntratt jkun qed jirrifletti l-volonta` legittima tal-kontraenti liema volonta` hija suprema kif jixhdu r-regoli ta' interpretazzjoni li jinsabu fl-Artikolu 1002 et sequitur tal-Kap 16".*

Illi jekk din il-Qorti kellha tezimina t-talbiet attrici fid-dawl ta' dawn l-allegazzjonijiet attrici, (anke c-citazzjoni kif formulata ma hijiex fl-opinjoni ta' din il-Qorti preciza fuq dawn il-punti kollha), jirrizulta li l-attur qed jibbaza ruhu fuq l-allegata llegalita` u allura nullita` tal-istess atti ndikati fit-talbiet attrici *inter alia* peress li qed jallega li ommu Giuseppa Gauci, li mietet fl-1 ta' Frar 1996, ma kellhiex il-kapacita` mentali li tikkuntratta u allura li taghmel l-

iskrittura datata 23 ta' Settembru 1993 u l-kuntratt pubbliku datat 2 ta' Novembru 1992.

Illi sintendi hawnhekk l-atur qed jirreferi ghal dik l-inkapacita` naturali kif deskritta fis-sentenza fl-ismijiet **“Tabib Principali Tal-Gvern vs Christopher Camilleri”** (15 ta’ Lulju 2002) bazata fuq in-nuqqas assolut ta’ kapacita’ li wiehed jaghraf sewwa u jikkonsentixxi ghal ftehim, liema inkapacita’ tirrendi il-kuntratt kompletament inezistenti. Il-ligi effettivament titkellem dwar nuqqas ta’ l-uzu tar-raguni **(artikolu 968 tal-Kodici Civili).** F’dan il-kuntest it-tezi attrici hija fis-sens li jekk wiehed janalizza c-cirkostanzi klinici u l-istorja medika ta' Giuseppa Gauci wiehed jista' jikkonkludi jekk effettivament hija kienitx kapaci legalment taghmel l-iskritturi hawn fuq imsemmija, bit-tezi attrici naturalment tkun li l-istess ommu ma’ kellhiex din il-kapacita’ mentali.

Illi proprju fuq dan il-kwezit il-Perit Mediku Dr. Norbert R. Vella fir-rapport tieghu datat 28 ta' Frar 2007 (a fol 610 *et sequitur*) ikkonkluda li ghalkemm omm l-attur kienet tbati minn smigh batut fuq iz-zewg nahat, djghufija fuq in-naha tal-lemin ta’ gisimha minhabba l-puplesija (li soffriet fit-12 ta’ Mejju 1992), roghda progressiva fuq in-naha li biha kienet tikteb u possibbilta` ta’ episodji ta’ konfuzjoni mentali, izda min-naha l-ohra dan ma jfissirx li hija kienet zviluppat xi forma ta’ dimensija (*vascular dementia*) li bhala konsegwenza taghha hija ma kellhiex il-fakultajiet mentali necessarji sabiex tidhol f’kuntratti skont il-ligi.

Illi fil-fatt l-istess espert mediku huwa tal-opinjoni li fid-dawl tax-xhieda prodotta, nkluz tan-nutura li dderigew l-istess skritturi u certifikati tat-tobba li gew sottomessi u xehdu f’din il-kawza, jirrizulta li hi kienet taf x’qeghda taghmel f’dawk il-granet in partikolari meta saru l-istess atti, u cioe’ fil-granet ta’ l-iffirmar ta’ l-iskritturi mertu tal-kawza odjerna.

Illi huwa veru li l-attur jishaq, fost ohrajn, fuq l-argument li meta gew analizzati diversi kuntratti u skritturi li fuqhom hemm il-firma ta' l-istess Giuseppa Gauci, jidher illi l-firem fuq dawn l-iskritturi bdew juru tibdil sa mit-13 ta' Awissu

1992 ossija sa mill-ewwel skrittura minnha ffirmata wara li sofriet l-imsemmi *stroke,* (Dok. “N44”), fejn il-firma tidher pjuttost imreghda.

Illi izda din il-Qorti thoss li kif kkonkluda l-espert mediku dan kien effett li l-istess puplesija halliet fuq l-istat fiziku ta’ omm l-attur, tant li il-mod kif bdiet tiffirma ma kienx jirrifletti fuq l-istat mentali taghha izda kien effett *‘newrodegenerattiv’* konsegwenza tal-puplesija u l-eta` avvanzata tal-pazjenta u s-sahha taghha fizika fuq kollox.

Illi fid-dawl ta’ dawn ir-rizultanzi din il-Qorti thoss li l-allegazzjoni attrici li l-omm kienet tbati minn stat mentali tali li rrenduha inkapaci li tagixxi legalment ma giex ippruvat ghaliex ghalkemm jirrizulta li l-istess persuna setghet batiet minn mumenti ta’ konfusjoni dan kien jidher li kien dovut l-iktar minhabba n-nuqqas ta’ smigh, u dan kif l-istess espert mediku spjega b’mod mill-iktar skjett fir-relazzjoni tieghu. Fil-verita` jirrizulta li l-provi prodotti huma tali li ma jirrizultax li meta saru l-iskritturi li qed jigu hawn inpunjati, hija ma kellhiex il-fakultajiet mentali necessarji sabiex tidhol ghall-istess, skritturi li fuq kollox gew redatti quddiem Nutara, li wkoll ikkonfermaw li l-istess Giuseppa Gauci kienet taf u tifhem x’qed taghmel.

Illi mhux hekk biss izda l-istess dokumenti redatti min-Nutara rispettivi saru wara li nhargu zewg certifikati medici datati 11 ta’ Awissu 1992 u 23 ta’ Settembru 993 minn Dr. Anthony Fiorini u Dr. Raymond Sammut rispettivament, fejn jghidu li omm l-attur kienet *‘of sound mind and very capable of making decisions and handling her affairs.’*

Illi jirrizulta li l-attur qed jibbaza l-allegazzjonijiet tieghu fuq ukoll ic-certifikati ta’ Dr.Louis Buhagiar datati rispettivament 30 ta’ April 1996 u 7 ta’ Mejju 1996, u allura wara l-mewt tal-istess Giuseppa Gauci, u fejn fl-istess certifikati jinghad li fl-ahhar jiem ta’ hajjitha, omm l-attur ma kienetx f’posizzjoni mentali sabiex taghmel testament, izda dan apparti li huwa kontrastat b’certifikati medici ohra, bl-ebda mod ma jista jinghad li jwaqqa’ l-kontenut tac-certifikati medici relattivi fuq ndikati, li saru hafna iktar vicin id-dati meta saru l-atti mertu tal-kawza odjerna minn

omm l-attur u dan ikompli jikkonferma u jissodda l-konkluzjonijiet tal-perit mediku nominat mill-Qorti, u dan iktar u iktar meta lanqas saret insistenza mill-atturi ghan-nomina ta’ periti perizjuri. Dwar ix-xhieda ta’ Dr. Louis Buhagiar li jghid li f’xi snin qabel il-mewt taghha omm l-attur ma kinetx qed tifhem dak li kien jinghad lilha u fejn gie allegat li hija kienet tbati minn xi tip ta’ dimensja, tali opinjoni tinsab kontradetta mix-xhieda f’din il-kawza moghtija mit-tobba l-ohra u dan apparti il-hrug tac-certifikati medici fuq indikati u fuq kollox illum mill-konkluzjonijiet tal-Perit Mediku.

Illi f’dan il-kuntest jinghad li effettivament it-tabib Dr. Edward Gatt jghid li l-istess persuna kellha perjodi tajbin u ohrajn hazina u Dr. Raymond Sacco jghid li l-puplesija ma kellhiex effett fuq l-istat mentali taghha izda hallietha b’djghufija fuq in-naha tal-lemin u roghda ta’ idha l-leminija u jikkonkludi li l-istess pazjenta ma kellhiex *severe* jew *recurrent cerebrovascular disease.*

Illi dan irid jittiehed ukoll fl-isfond tax-xhieda tan-Nutar Dr. Mario Bugeja li dwar il-kuntratt ippublikat minnu fit-3 ta’ Novembru 1992, huwa qal li l-imsemmija Giuseppa Gauci dehret li fehmet il-portata tieghu kif ukoll minnu lilha spjegat, u huwa jghid ukoll li anke qabel ma ffirmat il-kuntratt, huwa kien kellimha u hija dehret li kienet mentalment kapaci sabiex taghmel l-istess kuntratt; altrimenti kien mod iehor l-istess Nutar ma kienx jipprocedi bil-pubblikazzjoni tal-istess.

Illi fil-fatt tal-istess portata hija ix-xhieda tan-Nutar Dr Joseph Lia dwar il-kitba tat-23 ta’ Settembru 1993 minnu redatta u ffirmata minn Giuseppa Gauci, fejn huwa stqarr li ghall-eta` taghha, Giuseppa Gauci kienet normali hafna.

Illi din il-Qorti hija konxja tal-fatt li hija ma hijiex obbligata li taccetta r-rapport mediku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra, izda mill-banda l-ohra pero’, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma medika/teknika tal-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. ("**John Saliba vs Joseph**

**Farrugia**", Appell, 28 ta' Jannar 2000; "**Joseph Calleja *nomine* vs John Mifsud**", Appell, 19 ta' Novembru 2001").

Illi fil-fatt dan huwa konferma tal-principji dejjem applikati minn din il-Qorti fil-kawzi fl-ismijiet **"Dr. Toni Abela nomine vs Stephen Xeureb et"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Novembru 2006 ) **"Alfred Mizzi et vs M.R.C.D. Limited"** (PA. (RCP) – 30 ta' April 2002) **"Spiteri Tiles Limited vs Raymond Borg"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002) u **"Jox Limited vs Stephen Pace et"** (P.A. (RCP) – 10 ta' Ottubru 2006) fejn inghad li *"ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12,** jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti "ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001; **"Nigel Buttigieg et vs Doris Coleiro"** P.A. (RCP) 31 ta' Mejju 2007).

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja *et vs* Emmanuele Muscat *et*"** (A.C. 23 ta' Gunju 1967 – LI.i.390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku (jew mdeiku) huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *"b'danakollu, l-'giudizio dell'arte' espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta' lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli".*

Illi ghalhekk fid-dawl ta’ dan kollu u fid-dawl tal-provi processwali kollha fuq dan il-punt, nkluz ix-xhieda tat-tobba, tan-nutara u xhieda ohra, din il-Qorti thoss li hija ghandha timxi u taddotta l-konkluzjonijiet u konstatatazzjoni tal-perit mediku minnha nominat u ndikati fir-rapport minnu redatt u dan peress li jirrizultaw li huma ben stabbiliti, formati u spjegati u bbazati fuq ir-rizultanzi li hargu minn dik il-kawza, kif spjegati sew fl-istess rapport u wkoll f’din id-decizjoni, li din il-Qorti taqbel maghhom. Illi ghalhekk it-talbiet attrici in kwantu ibbazati fuq l-allegazzjoni li Giuseppa Gauci ma kellhiex il-fakolta` mentali sabiex taghmel tali atti mertu tal-kawza odjerna qed tigi michuda *stante* li tali allegazzjoni ma gietx ppruvata.

Illi l-atturi jsostnu wkoll li l-kunsens da parti ta’ Giuseppa Gauci sabiex iffirmat tali atti mertu tal-kawza odjerna kien vizzjat peress li kien effett ta’ vjolenza ezercitata fuqha. Din l-allegazzjoni (li ma tohrogx cara mic-citazzjoni attrici izda iktar tirrizulta mis-sottomissjonijiet tal-atturi) hija bbazata fuq id-disposizzjoni tal-**artikolu 974 tal-Kodici Civili** li jipprovdi li *“jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b' ghemil doluz, ma jkunx jiswa”.*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Raymond u Rose konjugi Avallone vs Therese Agius”** (A.C - 3 ta' Novembru, 2004) l-Onorabbli Qorti tal-Appell qalet li, *“vjolenza din illi, jekk provata, iggib in-nullita` tal-konvenzjoni maghmula. Dan minhabba l-inezistenza assoluta tal-kunsens; Il-kwestjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagini li hija mhollija interament fil-prudenza tal-gudikant”.*

Illi f’dan il-kuntest jinghad li fil-kawza **“Aquilina vs Ganado”,** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-16 ta’ Gunju, 1995, dik il-Qorti qalet li *‘biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza’ li tesponi ngustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal danni gravi. Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagini li hija mhollija nterament fil-prudenza tal-Qorti”.*

Konformament ma' dan din il-Qorti fil-kawza **"Grech vs Farrugia",** deciza fit-3 ta' Mejju, 1993, osservat li l-vjolenza bhala vizzju tal-kunsens trid tkun determinanti u timmanifesta ruhha b'minacci veri u serji lill-persuna tal-komparenti jew tal-familja tieghu.

Illi, fil-kawza **"Carmel Farrugia vs Alexandra Farrugia"** (P.A. (RCP) 6 ta' Marzu, 2003) din il-Qorti rreferiet ghall-kaz fl-ismijiet **"Edgar G Soler noe vs H.H. Sir David Campbell noe"** (Vol XXXIII.II.431) fejn inghad:-

"*Illi skond il-ligi, il-vjolenza hija kawza ta' nullita` tal-kuntratt ghaliex tostakola l-liberta` tal-kunsens. Il-vjolenza tikkonsisti f'vie di fatto jew minacci ezercitati kontra persuna biex jigi minnha karpit il-kunsens li hija ma tridx taghti. Hu pero` necessarju li l-vjolenza morali tkun il-kawza determinanti tal-kuntratt; jigifieri biex kuntratt ikun suxxettibli li jigi annullat minhabba l-vjolenza jehtieg li l-kunsens ta' wahda mill-partijiet ikun gie estratt bi vjolenza; fi kliem iehor li l-kunsens ikun il-frott ta' vjolenza ezercitata li tottjeni dak il-kunsens u mhux ir-rizultat accidentali ta' vjolenza ezercitata tottjeni dak il-kunsens u mhux irrizultat accidentali ta' vjolenza ezercitata biex jigi raggunt skop divrs. Mhux bizzejjed li l-kunsens jigi moghti u l-kuntratt ikun sar taht pressjoni ta' forza nsormontabbli ghal dak li jkun ta l-kunsens; ghaliex dik il-forza tista' tkun forza naturali u nkonxjenti, u ghalhekk proprjament ma jkunx hemm vjolenza mill-punto di vista guridiku. Il-vjolenza trid tkun l-opera ta' persuna li tezercitaha biex tottjeni l-kunsens"*.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-atturi jallegaw li l-kunsens tal-omm kien vizzjat minhabba l-vjolenza psikologika li giet soggetta ghaliha Giuseppa Gauci matul hajjitha mill-konvenut Frans Guaci. Din il-vjolenza skont huma kienet ingusta, gravi u determinanti specjalment *in vista* tal-eta` avvanzata taghha u l-istat prekarju ta' sahhitha b'mod li kienu ma kenitx soggetta ghal din il-vjolenza hija ma kenitx tiffirma l-atti impunjati minnhom fil-proceduri odjerni.

Illi pero' din il-Qorti ma tistax taccetta tali asserzjonijiet maghmula mill-atturi u dan peress li din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti din l-allegazzjoni ma gietx lanqas ippruvata mil-atturi. L-atturi ddeskrivew l-allegata vjolenza maghmula mill-konvenut Frans Gauci fil-konfront taghhom izda minn imkien ma jirrizulta ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-istess konvenut imsemmi ssoggetta lil ommu ghall-vjolenza psikologika u wisq inqas ma gie ippruvat li l-allegata vjolenza kienet ir-raguni determinanti li wasslet lil Giuseppa Gauci tiffirma d-dokumenti in kwistjoni oggett tat-talbiet attrici.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li minn ezami akkurat tal-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm xi forma ta' vjolenza morali li kienet determinanti, ngusta u gravi talment li ghamlet impressjoni fuq omm l-attur u li ggenerat biza' fiha li esponiet ingustament lilha jew il-gid taghha ghal dannu gravi kif inhu rikjest mil-ligi u ghalhekk it-talbiet attrici in kwantu bbazati fuq din il-pretensjonijiet qed jigu wkoll michuda ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Illi l-attur Nazzareno Gauci isostni wkoll li hemm bazi sabiex il-kitba tat-23 ta' Settembru 1993 tigi ddikjarata bhala bhala illegali u ghaliex kien hemm bzonn il-kunsens tieghu, sabiex tali qbiela tar-raba' imsemmija fl-istess Dok. "A" tigi assenjata lill-konvenut Frans Gauci, u dan il-kunsens ma nghatax u allura tali assenjazzjoni ta' qbiela minn Giuseppa Gauci lil Francis Gauci hija nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi fil-fatt l-attur qed jippretendi li huwa kien, wara l-mewt ta' missieru, jikkwalifika bhala "kerrej" tar-raba' mertu ta' l-odjerni proceduri skond il-ligi ghaliex matul l-ahhar sena minnufih qabel il-mewt ta' missieru, huwa kien jghix ma' missieru u kien qed jahdem ir-raba' mieghu jew ghalih, *oltre* li kien ukoll il-werriet *ab intestato* ta' missieru. Ghalhekk, skont l-attur Nazzareno Gauci, kien jinhtieg il-kunsens tieghu sabiex isir l-att tat-23 ta' Settembru 1993, u ghalhekk la dan ma sarx l-istess att sar illegalment u ghandu jigu rexiss minn din l-Qorti ghaliex ma nkisibx il-kunsens tieghu skont il-ligi sabiex issir l-assenjazzjoni

kontemplata fl-istess dokument jew dokumenti mpunjati f'din il-kawza.

Illi din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha prodotti thoss li din l-allegazzjoni attrici ma hijiex fondata peress li jirrizulta mill-provi migjuba f'din il-kawza li r-raba' u qbiela in kwistjoni kienu f'isem l-omm li ma kellha l-ebda restrizzjoni tittrasferixxi l-qbiela.

Illi dan qed jinghad peress li jirrizulta ppruvat li wara l-mewt ta' missierhom ir-raba' giet imdawwra bhala qbiela fuq isem  Giuseppa Gauci u hekk jirrizulta li giet rikonoxxuta mis-sidien tal-istess ghalqa kif jirrizulta mir-ricevuti ta' qbiela mahruga fuq l-istess ghelieqi li kienu jinhargu dejjem fuq l-istess Giuseppa Gauci u dan kif jidher mir-ricevuti relattivi bhala Dok. “FGC 1” – fol. 78 (datata 28 ta' Settembru 1991) u Dok. “B” – fol. 700 *et sequitur* – datati 25 ta' Awissu 1976 u 23 ta' Awissu 1977). Ma jirrizultax li b'xi mod l-istess attur jew atturi qatt ikkontesaw l-istess ricevuti, u effettivament lanqas jirrizulta li huma qatt ghamlu jew ikkontribrew ghall-hlas ta' qbiela mill-mewt ta' missierhom sa meta l-istess qbiela giet trasferita ghal fuq il-konvenut Frans Gauci jew sal-mewt tal-imsemmija Giuseppa Gauci.

Illi mhux hemm biss izda jirrizulta mix-xhieda ta' Giovanni De Martino (26 ta' Jannar 2000) bhala rappresentant tal-Joint Office li mir-*records* li kienu ghand il-Kurja l-istess qbiela kienet f'isem l-istess Giuseppa Gauci, u mix-xhieda ta' Vincent Ciliberti, rappresentant tal-Kurja, (1 ta' Marzu 2001) u mid-dokumenti minnu esebiti (Dok. “VG1” sa Dok. “VG 6” u Dok. “MM4”) jirrizulta li effettivament Giuseppa Gauci biss kienet giet rikonoxxuta bhala l-persuna li kellha l-qbiela tar-raba' in kwistjoni; dan kif inghad jinsab ikkonfermat mir-ricevuti tal-qbiela ezistenti, u sahanistra mid-Dok. “VG6” fejn jinghad li espressament l-ghalqa hemm indikata hija mqabbla lill-imsemmija *“Mrs. Gauci ta' 39, Rose Street, Zurrieq”* (fol. 128).

Illi f'dan l-isfond din il-Qorti tinnota li l-istess atturi mhux biss ma gabu xejn sabiex jikkontradixxu l-istess titolu ta' Giuseppa Gauci ta' qbiela fuq ir-raba' indikata fil-kitba tat-

23 ta’ Settembru 1993, izda jidher li l-unika att li ghamel l-attur Nazzareno Gauci mal-Awtorita’ tal-Kurja, kien biss rikors datat 22 ta’ Settembru 1969 fejn huwa qed jghid li ghandu l-ghalqa ta’ Barumbara bi qbiela (Dok. “VG5”), izda li l-Awtoritajiet tal-Kurja jirrizulta li ma mxewx fuqha, peress li l-ebda ricevuta ta’ qbiela qatt ma nharget fuq l-istess attur, u lanqas ma jidher li qatt ghamel xi hlas f’ismu ghal tali qbiela, anzi jidher mid-Dok. “FGC1” sa Dok. “FGC 7” li l-istess Awtoritajiet Ekklesiastici u wara l-Ufficcju Kongunt irrikonoxxew bhala l-persuna li ghandha mqabbla l-istess raba’ biss lil Giuseppa Gauci (Dok. “MM3” – fol. 486) u wara l-kitba tat-23 ta’ Settembru 2003 (Dok. “A”) lill-konvenut Francis Gauci.

Illi dwar l-allegazzjoni li l-attur kien jahdem l-istess raba’ jinghad li dan ma jirrizultax li kien isir meta saret l-iskrittura privata mertu tal-ewwel talba attrici, u fuq zmien iehor jinghad li dan huwa kontestat minn diversi xhieda fosthom dik ta’ Karmenu Schembri tal-1 ta’ Marzu 2001, minn fejn jirrizulta li effettivament dan jghid b’mod car li l-istess attur ma kienx jahdem l-istess raba’ – u certament mill-kumpless tal-provi jirrizulta li l-istess attur Nazzareno Guaci, wara ftit ta’ snin mill-mewt ta’ missieru lanqas kien joqghod ma’ ommu u ma kienx effettivament jahdem l-istess raba’.

Illi dan jinsab ukoll korroborat mill-fatt li l-istess attur kien mar jghix ma’ martu f’post iehor u ma kienx qed jahdem l-istess raba’. Is-sitwazzjoni baqghet hekk ghal snin twal, matul liema snin l-istess raba’ kienet tghajjat biss lil Giuseppa Gauci u dan huwa kkonfermat u kkoroborat bil-permess tal-pitkali bil-biljett tar-registrazzjoni tal-biedja numru 247/7 (fol. 483) u mill-permess tal-pitkali 34/0247 u wkoll mill-kotba tar-raba’ registrati l-Ghammieri kif jirrizulta mix-xhieda ta’ Victor Vella, rappresentant tal-Ghammieri, moghtija minnu fit-2 ta’ Mejju 2006 u mid-dokumenti kollha minnu esebiti nkluzi dawk indikati bhala Dok. “VV1” sa Dok. “VV 3” u mix-xhieda ta’ Manwel Mizzi bhala rappresentant tal-*Joint Office* (2 ta’ Mejju 2006).

Illi ghalhekk minn dan kollu jirrizulta li meta saret l-iskrittura privata datata 23 ta’ Settembru 1993 l-unika

persuna li kellha l-qbiela tar-raba' ndikata fuq isimha kienet proprju l-imsemmija Giuseppa Gauci, u ghalhekk kienet hija li kellha d-dritt titrasferixxi l-istess qbiela, kif fil-fatt ghamlet bil-kitba tal-istess data (ghal dak li jirrigwarda din il-kawza) favur il-konvenut Francis Gauci, u ghalhekk wara li saret tali cessjoni ta' qbiela favur l-imsemmi konvenut, Francis Gauci gie rikonoxxut mis-sidien tal-istess raba' bhala l-persuna li ghandha l-qbiela tal-istess raba' u dan kollox kif jirrizulta mix-xhieda tal-persuni fuq indikati u mid-dokumenti relattivi. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk jinghad li l-kunsens tal-atturi certament ma kienx rikjest ghaliex huma ma kellhomx ebda titolu fuq l-istess raba', u jirrizulta b'mod definittiv li l-istess raba' kienet daret fuq Giuseppa Gauci, u hija biss kellha d-dritt li tassenja lill min riedet hija skont il-ligi.

Illi fl-ahharnett l-atturi jsostnu wkoll li l-iskrittura tat-23 ta' Settembru 1993 hija nieqsa mir-rekwiziti essenzjali sabiex din tkun valida skond il-ligi, u dan ghaliex qed jinghad li tali skrittura hija nulla u bla effett ghaliex hija nieqsa mill-firma tal-konvenut Frans Gauci u dan huwa kkonfermat mix-xhieda tan-Nutar Joseph Lia (fl-1 ta' Marzu 2005) b'referenza ghad-dokument "R3" li permezz tieghu r-raba' hemm inidkata giet assenjata lill-konvenut Frans Gauci.

Illi dwar din il-premessa l-konvenuti ecceppew il-preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 1224 tal-Kap. 16** li din il-Qorti thoss li ma tapplikax ghall-kaz *de quo* u dan peress li tali artikolu jirreferi ghar-rexxixxjoni ta' kuntratt minhabba ragunijiet sostantantivi ndikati li jaghtu lok ghal dikjarazzjoni ta' thassir tal-istess kuntratt li altrimenti huwa meqjus bhala formalment validu, li mhux il-kaz fir-rigward ta' dak allegat bil-korrezzjoni fic-citazzjoni mitluba mill-atturi u akkordata minn din il-Qorti diversament presjeduta. B'hekk din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar din il-premessa li tali skrittura tat-23 ta' Settembru 1993 hija nulla u bla effett ghaliex ma gietx ffirmata skont il-ligi u senjament ma hemmx il-firma tal-konvenut Francis Vella, din il-Qorti thoss li l-vantazzjoni hija ghal kollox infondata peress li l-**artikolu 1233 tal-Kap. 12** ma

japplikax ghall-kaz in ezami u dan ghaliex il-kitba privata kontemplata fl-istess artikolu ma tapplikax ghall-kitba datata 23 ta' Settembru 1993, u dan peress li l-istess dokument ma jikkostitwix kera ta' immobbli kif kontemplat fl-**artikolu 1233 (1) (e)**, izda cessjoni tad-drittijiet ta' qbiela fuq ir-raba' in kwistjoni minn Giuseppa Gauci a favur l-konvenut Francis Gauci u bhala tali cessjoni kellha ssir biss bil-miktub skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1470 tal-Kap. 16,** u fil-fatt dak li sar skond id-Dokument "A", li huwa skrittura miktuba u ffirmata minn Giuseppa Gauci (**"Mary Fenech et vs Carmelo Ellul et"** – A.C. – 6 ta' Gunju 1990), u effettivament dak li kien mehtieg ghal tali cessjoni ta' qbiela, kienet biss il-firma tal-istess persuna li kellha l-qbiela, l-indikata Giuseppa Gauci, u kien ghalhekk li s-sidien kollha rrikonoxxew l-istess cessjoni ta' qbiela a favur Francis Gauci u ghalhekk tali assenjazzjoni ta' qbiela favur Francis Gauci hija valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Ghalhekk anke it-talbiet attrici fuq din il-bazi qed jigu michuda.

Illi fl-ahharnett in kwantu gie allegat li tali skritturi saru sabiex jigu defradati d-drittijiet u l-pretensjonijiet tal-atturi fuq l-istess raba' din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda prova ta' xejn dwar dan u ghalhekk l-azzjoni u t-talbiet attrici kollha qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 1224 tal-Kap. 16,** izda tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti kontenuti kemm fin-nota ta' eccezzjoni taghhom u kemm fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri, biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------